**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 325(a), 338(dd), 339(d),**
**49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
**Avviz Legali 74/96**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**v**

**ANTHONY BONAVIA**

**Seduta ta' llum, 18 ta' Lulju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY BONAVIA** ta' tmienja w erbghin sena bin missier mhux maghruf u Josephine Fleri nee Bonavia, imwieled Xghajra, limiti ta' Haz Zabbar nhar l-ewwel ta' Marzu, 1953 u joqghod 10, Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 249653M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmintax ta' Mejju, 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija gewwa City Gate Bus Terminus, Floriana, flimkien ma persuna ohra:

a. voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel

hsra fil-camera taa' ritratti u l-lenti taghha tal-marka 'Nikon' ghad-dannu ta' Martin Kirchner ta' nazzjonalita Germaniza, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin.

b. Talli voluntarjament kiser l-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

c. Talli hebb ghall-imsemmi Martin Kirchner sabiex jinsulentah, jwegghu jew jghamillu hsara;

d. Talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT 552 tal-marka Regata ta' kulur griz kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita;

e. Talli b'hekk jinsab recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' April, 1993 u nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju, 1994.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Mejju, 2002 esibit fl-atti tal-process markat bhala dokument CSH 2 fejn l-Avukat Generali ta l-

kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-allegat incident jirrizulta li l-uniku xhud okulari li kien hemm apparti l-imputat huwa l-allegat vittma u ghalhekk il-Qorti hija ffaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti ta' kif grat d-dinamika tal-incident.

L-imputat jsostni li gie aggredit w insulentat mill-allegat vittma filwaqt li l-allegat vittma jsostni li waqt li huwa kien ghall-affari tieghu jigbed r-ritratt gie agredit mill-imputat li sahansitra spicca kissirlu l-apparat fotografiku li kellu.  Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Martin Kirchner** jixhed nhar l-ghoxrin ta' Mejju, 2002 fejn spjiega kif waqt li huwa kellu l-armar tal-fotografija issettjat biex jigbed ritratt tat-*Triton Fountain*, ghadda l-

imputat ma gembu u insista li kellu jzarma l-armar li kellu biex jghaddi bil-vettura tieghu.  L-imputat ma ridtx jirriversja u beda jirrabbja tant li bdew jargumentaw.  Ix-xhud ceda, zarma l-apparat u l-imputat ghadda.  Huwa reggha rema t-*tripod* tal-camera tieghu u kien lest li jigbed r-ritratt pero fil-pront gie d-driver tal-vettura li gharaf bhala l-imputat fil-kumpanija ta' persuna ohra li beda jaghtih bil-ponn, joffendih u jkellmu hazin.  Wara l-imputat qabad il-camera u tefghaha mal-art.  Mistoqsi jekk kienx cert jekk kienx l-imputat li ghamillu l-hsara dan x-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Il-Prosekuzzjoni ressqet wkoll bhala xhud lil Ufficjal tal-Pulizija li ha r-rapport relattiv u fil-fatt kkonferma dak li qal Martin Kirchner fil-Qorti.

L-Ufficjal Prosekutur esibixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat li hija mmarkata bhala dokument PC mehuda b'mod voluntarju minghand l-imputat nhar d-dsatax ta' Mejju, 2002.

Minn ezami ta' din l-istqarrija tal-imputat jirrizulta li huwa ammetta li kellu xi jghid ma persuna ta' nazzjonalita barranija li kienet qed tigbed xi ritratti.  Huwa kkonferma li ried jghaddi bil-vettura tieghu pero din il-persuna ma rieditx.  Huwa qal li f'xi hin din il-

persuna qabdet l-*istand* tal-camera u kienet ser titfaghha fil-*windscreen* u ghalhekk huwa ipparkja l-vettura fil-gemb u nizel biex jkellmu ghaliex kien offendih b'ommu. Huwa cahad pero li kissirlu l-carmera tar-ritratti.

Viva voce l-Qorti l-istess imputat fl-ebda hin ma qal li l-allegat vittma nsulentah b'ommu izda qal biss li qallu xi kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-Maltin.

Illi wara li ghamlet apprezzament tax-xhieda u qiset il-komportament taghhom fil-pedana tax-xhieda u x'interess kellhom f'dawn il-proceduri, il-Qorti thoss li x-xhieda ta' Martin Kirchner hija aktar vero simili u attendibbli u ghandha aktar mis-sewwa minn dik moghtija mill-imputat li ma hiex konsistenti. In oltre l-imputat jsemmi terza persuna li kienet presenti, certu ragel li jahdem fil-latrina, pero dan lanqas indenja ruhu jharrku ghad-difza tieghu sabiex forsi jitfa dawl fuq l-fatti tal-kaz kif proposti minnu.

Il-Qorti semghet lil espert nominat minnha, **Simon Mallia** jixhed u jghid li l-hsara fl-appart fotografiku tammonta ghal elf wiehed u ghoxrin lira maltin, in kwantu ghal sebgha mija sitta w

disghin lira maltin prezz tal-camera li ma tissewwix u mitejn hamsa w ghoxrin lira maltin biex tissewwa l-lenti.

Il-Qorti rat li dan l-incident sehh proprju ghal xejn, minghajr raguni ta' xejn, u ghalhekk ma tistax ma tikkundannax l-agir barbaru tal-imputat li jaqbad jishon u jkisser apparat fotografiku ta' turist ghall-ebda raguni ta' xejn, salv li ried jghaddi minn triq b'forza. L-imputat irid jitghallem jrazzan ghemilu, jikkalma u jgib ruhu ta' nies jekk irid jgawdi l-liberta fis-socjeta li taghha jifforma parti. L-imputat qatt ma wera xi rimors ghal dak li ghamel, anzi pprova jiggustifka l-ghemil vjolenti tieghu.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li kwazi kwazi tista tissejjah ktieb, b'sebgha u hamsin *conviction* registrati fuqha sa mis-sena 1969 sal-1998 u fost d-diversi reati li nstab hati taghhom, ghandu reati ta' serq, hsara voluntarja, glied, barra li hemm diversi reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku w ohrajn. L-imputat jidher li ghandu karattru aggressiv hafna ghaliex diga nstab hati t'aggressivita kontra diversi nies w intbaghat jiskonta sentenzi ta' prigunerija pero dan nonostante, ma tghallimx u reggha qieghed il-Qorti akkuzat b'reati simili.

**Il-Qorti ma tistax taghti messagg li min jikser dufrejh mal-ligi m'ghandhux jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(a), 338(dd), 339(d), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 74/96, tiddikjara li qed ssib lil imputat ANTHONY BONAVIA hati tal-ewwel, t-tieni w t-tielet akkuza u tikkundannah ghal erbatax (14) il-xahar habs filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tar-raba w l-hames akkuza u tilliberah minn dawn z-zewg akkuzi.**

**Il-Qorti tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, jitnaqqas miz-zmien ta' prigunerija moghti b'din s-sentenza.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**